# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 12 ta' Jannar, 2021**

**Rik. Nru. 677/20JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 306/20 fl-ismijiet:

Antoine **PORTELLI** u API Contractors Limited (C – 85752)

vs

Graham **TESTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent Graham Testa (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutat") talab li din il-Qorti (a) tħassar għal kollox il-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontriha mill-intimati (aktar 'il quddiem imsejħin l-"eżekutanti") fis-26 ta' Frar, 2020, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti jħallsuh penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) ladarba l-ħruġ tal-Mandat kien wieħed b'ħażen, fieragħ u maħsub biss biex idejjaq; (ċ) tikkundanna lill-eżekutanti

jħallsuh id-drittijiet u spejjeż meħuda mill-flejjes f'kont bankarju sekwestrat minn wieħed mis-sekwestratarji; (d) tikkundanna lill-eżekutanti jħallsuh id-danni għall-finijiet tal-artikolu 836(9) u 843(2) tal-istess Kodiċi, magħdud l-imgħax fuq l-ammont ta' €10,502.42 b'seħħ minn dakinhar li nħareġ il-Mandat; u (e) tordna n-notifika tal-Kontro-Mandat lis-sekwestrati (*sic*) kollha bi spejjeż tal-eżekutanti;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2020, li bih u fid-dawl ta' wħud mit-talbiet li tressqu, ordnat in-notifika lill-eżekutanti u tathom iż-żmien imsemmi fl-artikolu 836(3) biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom għat-talbiet tal-eżekutat;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutanti fit-18 ta' Novembru, 2020, li biha laqgħu għat-talbiet tal-eżekutat billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu li l-ebda waħda mit-talbiet tal-eżekutat ma jmissha jew jistħoqqilha tintlaqa' għaliex ma kien minnu xejn li l-Mandat kellu għalfejn jitħassar u li, għalkemm wara ż-żmien mogħti mil-liġi, il-kawża bil-pretensjonijiet imsemmija f'dak il-Mandat kienet infetħet kontra l-eżekutat. Jisħqu li huma bl-ebda mod ma abbużaw mill-proċeduri u li huma nqdew b'mod xieraq mill-jeddijiet mogħtijin lilhom mil-liġi u la jmisshom ikunu kundannati jħallsu penali u wisq anqas jaħtu ta' xi danni kif jippretendi l-eżekutat;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent irid li jitneħħew għal kollox l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrih mill-eżekutanti fis-26 ta' Frar, 2020, u dan għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li l-eżekutanti naqsu li jiftħu l-kawża fiż-żmien mogħti mil-liġi[1] wara li kisbu l-ħruġ tal-Mandat. Minħabba li l-eżekutat iqis li l-Mandat inħareġ b'mod fieragħ u bil-ħsieb li jġiblu ħsara b'pika, irid li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti jħallsuh penali u kif ukoll id-danni;

Illi, fis-sewwa, l-għamla ta' talba mressqa mill-eżekutat normalment lanqas titlob xi provvediment motivat, għaliex l-aċċertament innifsu jekk l-eżekutant ikunx jew le naqas li jiftaħ il-kawża fiż-żmien wara li

[1] Art. 843(1) tal-Kap 12

jkun kiseb favurih il-ħruġ ta' Mandat huwa wieħed għal kollox formali u sommarju. Madankollu, ladarba l-eżekutat ressaq it-talbiet l-oħrajn, din il-Qorti ma setgħetx tgħaddi biex tagħti l-provvediment bla ma tordna n-notifika tal-eżekutanti ħalli jwieġbu għal dawk it-talbiet;

Illi l-proċess tan-notifika f'dan il-każ ħa ż-żmien u, sadattant, l-eżekutat kien ressaq talba oħra f'Novembru tal-2020[2], limitata għat-tħassir tal-Mandat fuq il-kawżali msemmija. Dik it-talba ntlaqgħet u għalhekk, l-ewwel talba tal-eżekutat f'din il-proċedura hija eżawrita. Ġara wkoll li, f'Ottubru tal-2020, l-eżekutanti fetħu l-kawża kontra l-eżekutat dwar l-istess pretensjonijiet li kellhom fil-Mandat[3];

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrent eżekutat fis-26 ta' Frar, 2020, u kien notifikat lil tmien (8) sekwestratarji – fil-biċċa l-kbira minnhom banek kummerċjali lokali. Il-Mandat inħareġ dakinhar li ntalab. Wieħed mill-banek sekwestratarji iddepożita b'ċedola taħt l-awtorità tal-Qorti l-fondi li kellu f'idejh f'isem l-eżekutat u naqqas minnhom l-ispejjeż u d-drittijiet biex ressaqha[4];

Illi l-Mandat intalab dwar "sorti" ta' sitta u tletin elf seba' mija u tletin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€36,730.72) u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "bilanċ dovut mis-sekwestrat għal xogħlijiet ta' demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni magħmula mis-sekwestranti fuq struzzjonijiet tas-sekwestrat fil-proprjetà tiegħu ġewwa 29, Sqaq Tomna, San Ġwann, u dan kif jirriżulta minn *invoice* datata 1 ta' Ottubru 2019 hawn annessa …". Dakinhar ukoll, l-eżekutanti ressqu ittra uffiċjali kontra l-eżekutat biex jitlobuh iħallashom is-somma msemmija fil-Mandat u wissewh li kienu se jmexxu ulterjorment f'każ li jonqos li jħallas: ħareġ mill-atti li l-eżekutat laqa' n-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju fit-3 ta' Marzu, 2020[5]. Il-Qorti tirrileva li l-indirizz tal-eżekutat imsemmi fl-ittra uffiċjali mhuwiex l-istess bħall-indirizz mogħti fuq il-Mandat, f'liema indirizz l-eżekutat baqa' ma kienx notifikat bil-Mandat;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis <u>l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ</u> dwar dak li fadal fis-seħħ mit-talbiet tal-eżekutat. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru

[2] Rik. Nru. 1040/20JRM (dekretat fis-17.11.2020)
[3] Rik. Nru. 972/20TA (imħollija għan-notifika għat-8.2.2021)
[4] Dok "E" f'paġ. 19 tal-atti
[5] Dok "Ċ", f'paġġ. 9 – 10 tal-atti

mill-att innifsu u, fil-każ tallum, tara jekk dan inħariġx b'mod abbużiv[6], bla ma bl-ebda mod tagħti xi fehma jew ġudizzju dwar il-mertu tal-kwestjonijiet li hemm bejn il-partijiet, għaliex b'hekk tkun qiegħda tidħol f'eżerċizzju qabel waqtu li jrid isir (safejn jibqa' rilevanti) waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu mill-Qorti li quddiemha hemm il-kawża;

Illi, kif ingħad, dwar l-ewwel talba, l-eżekutat wera li l-eżekutanti naqsu li jiftħu l-kawża fiż-żmien meħtieġ wara l-ħruġ tal-Mandat, u b'hekk l-istess Mandat ġie bla effett. Il-mertu tal-ewwel talba illum huwa eżawrit;

Illi r-rikorrent eżekutat talab ir-rimedju tal-kundanna tal-intimati eżekutanti għall-ħlas ta' penali[7] u tal-kundanna għall-ħlas tad-danni[8]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[9], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[10]. F'dan il-każ, l-eżekutat isemmi ċ-ċirkostanzi maħsuba taħt l-artikoli 836(8)(a), (b) u (d) tal-Kapitolu 12, jiġifieri f'każ li l-eżekutant ikun naqas bla raġuni tajba li jiftaħ il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit mil-liġi, f'każ li l-eżekutant jonqos li juri b'raġuni tajba għaliex naqas li jitlob lill-eżekutat biex iħallas fi żmien ħmistax-il (15) jum qabel inħareġ il-Mandat, jew jekk it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kenitx waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>ewwel kawżali</u> mitluba għall-kundanna għall-ħlas tal-penali, l-eżekutat jgħid li l-fatt li l-eżekutanti naqsu li jiftħu l-kawża fiż-żmien u fil-qafas ta' xi korrispondenza li kienet għaddejja bejn il-partijiet b'messaġġi u *sms*, huwa xiehda biżżejjed li din il-Qorti għandha tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-liġi u timponi l-ħlas tal-penali fuq l-eżekutanti;

Illi għal din it-talba l-eżekutanti jilqgħu billi jgħidu li l-liġi ma torbotx idejn il-Qorti u tħalli fid-diskrezzjoni tagħha biex tara jekk għandhiex tilqa' talba bħal din. Filwaqt li jistqarru li kien minnu li damu ma fetħu l-kawża kontra l-eżekutat sa xhur wara li kien inħareġ il-Mandat, waslu biex fetħuha u

---

[6] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[7] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[8] Taħt l-art. 836(9) tal-Kap 12
[9] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[10] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

dan jixhed li huma ma kiniux talbu l-ħruġ tal-Mandat b'mod fieragħ jew għal xi raġuni li ma teżistix;

Illi l-Qorti jidhrilha li, fil-każ tal-kawżali partikolari, din hija l-aktar waħda mill-erba' msemmija mil-liġi li hija l-aktar stretta. Fl-ewwel lok, il-liġi titfa' l-piż fuq l-eżekutant biex jagħti lill-Qorti raġuni tajba biex wasslet li l-kawża ma titressaqx fiż-żmien tal-għaxrin jum mill-ħruġ tal-Mandat. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma ntweriex li l-partijiet kienu qablu – kif bosta drabi jsir – li jestendu ż-żmien għal min ikun ħareġ il-Mandat milli jiftaħ il-kawża. Din il-prattika ġeneraliment issir b'Nota fl-atti tal-Mandat innifsu li biha l-eżekutat juri l-qbil tiegħu li l-eżekutant ma jressaqx il-kawża minnufih. Mingħajr ma l-Qorti tidħol fuq il-korrettezza ta' prattika bħal din, tagħraf li dan normalment isir fejn il-partijiet ikunu qegħdin ifittxu li jħollu l-kwestjoni b'arranġament bejniethom u bil-għan li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż marbuta mal-ftuħ ta' kawża u t-teħid ta' proċeduri ġudizzjarji jekk dawn jistgħu jkunu evitati. Imma, minn dan kollu, fil-każ tallum, ma ntwera li sar xejn. Għall-kuntrarju, l-eżekutat ressaq numru ta' dokumenti[11] li juru li sa Awwissu ta' wara li nħareġ il-Mandat, l-eżekutant Portelli kien jibgħatlu messaġġi b'*sms* b'ħafna theddid dwar il-ħlas li kien għadu jippretendi. Fit-tweġiba tagħhom għar-rikors tallum, l-eżekutanti ma taw l-ebda raġuni oħra – tajba jew mhix – biex jgħidu x'żammhom milli jiftħu l-kawża fiż-żmien li trid il-liġi;

Illi l-Qorti tagħmel tagħha prinċipji f'dan ir-rigward imfissra mill-Qorti tal-Appell dwar it-tifsir u t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura meta jingħad: "*id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili taħt eżami li jirregolaw il-materja ma jidhrux li jagħtu diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti biex tindaga dwar ir-raġuni għaliex ir-rikorrent kreditur ma jkunx għamel il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit mil-liġi. Jidher illi taħt dan ir-rigward il-leġislatur kien riġidu u fis-sub-inċiż 8(a) tal-artikolu 836 rabat l-impożizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra d-debitur fiż-żmien statutorjament prefiss. .. .. Jidher allura li taħt dan is-subinċiż l-unika difiża li setgħet tkun bħala regola ammissibbli da parti tar-rikorrent kreditur kienet jekk jiġi stabbilit illi t-terminu statutorju kien ġie estiż espressament jew almenu taċitament bil-kunsens tad-debitur. .. .. l-ewwel Qorti kienet tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta u kellha biss tagħżel li ma timponix tali penali f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk iien jimponilha. Dan proprju għaliex penali ta' din ix-xorta hi mposta bil-liġi bħala miżura ta' ordni pubbliku biex tassigura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex tassigura wkoll illi l-istitut tal-mandati*

[11] Dok "D", f'paġġ. 11 – 8 tal-atti

*kawtelatorji ma jiġix abbużat, kif faċilment jista' jiġi, bil-ħsieb li jivvessa lill-allegat debitur*"[12];

Illi l-Qorti ssib li, fuq is-saħħa ta' dawn il-prinċipji, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-fatt li l-eżekutanti ma wettqux il-piż li juru li kien hemm raġuni tajba għaliex ma fetħux il-kawża fiż-żmien wara l-ħruġ tal-Mandat, it-talba tal-eżekutat għall-kundanna għall-ħlas tal-penali hija mistħoqqa;

Illi ladarba hu hekk, ma hemmx għalfejn tgħaddi biex tqis it-talba kif magħmula taħt iż-żewġ kawżali l-oħrajn ukoll. Tgħid biss li, dwar it-tieni kawżali, l-fatt li l-eżekutanti ressqu l-ittra uffiċjali dakinhar stess li ressqu l-Mandat u nqdew b'indirizz tal-eżekutant fl-ittra uffiċjali differenti mill-indirizz imsemmi fil-Mandat, jagħti lill-Qorti x'taħseb li kien hemm il-ħsieb li l-eżekutat jilqa' n-notifika tal-ittra uffiċjali (kif fil-fatt ġara) imma ma jkunx jaf bil-ħruġ tal-Mandat kontrih (billi sallum ma jidhirx li sar tentattiv ta' notifika formali lilu tal-istess Mandat). Jirriżulta wkoll lill-Qorti li meta fetħu l-kawża kontra l-eżekutat, l-eżekutanti reġgħu nqdew bl-indirizz tal-eżekutat muri fil-Mandat bil-konsegwenza li għadhom sallum ma nnotifikax lill-eżekutat bl-atti tar-Rikors Maħluf li ressqu kontrih;

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni,</u> l-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati f'dan il-każ. Dan jgħodd ukoll fejn, bħal fil-każ tallum, l-eżekutat ikun ressaq talba taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 843(2) tal-Kodiċi;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikoli 836(9) u 843(2) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi;

Illi t-**tielet talba** tal-eżekutat tirrigwarda t-tnaqqis li l-bank sekwestratarju wettaq biex iddepożita biċ-ċedola l-flus tal-eżekutat li kellu f'idejh. L-eżekutat jikkwalifika dawk l-ispejjeż u d-drittijiet bħala "danni" minnu mġarrba minħabba l-ħruġ tal-mandat sakemm dan tħassar. Ladarba

[12] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

huma danni, dik it-talba tinġabar mat-talba li titressaq taħt l-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 bil-proċedura xierqa kif ingħad aktar qabel. Bla ma l-Qorti tidħol fil-mertu tal-kwestjoni, b'mod partikolari dwar is-sottomissjonijiet magħmula mill-eżekutanti dwar din it-talba, jidhrilha li jkun xieraq li tastjeni milli tqisha ħalli ma tolqotx b'xi mod il-jedd tal-eżekutat meta jew jekk jogħġbu jmexxi bl-azzjoni xierqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent eżekutat billi:

**Tastjeni** milli tqis l-ewwel u t-tielet **talbiet** tar-rikorrent eżekutat;

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-intimati eżekutanti flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lir-rikorrent eżekutat penali ta' tlitt elef u ħames mitt euro (€ 3,500);

**Tiċħad it-tielet talba** bħala irritwali; u

**Tordna** li l-intimati eżekutanti jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-Tlieta 12 ta' Jannar, 2021.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

Komunika: Rikorrent eżekutat: Av. Kirk Brincau

Intimat eżekutanti Av. Vincent Galea

(Kopja għan-notifika lill-partijiet)